# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Matthew Mangion

Illum 2 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Matthew Mangion bin Joseph Mary u Anna nee Micallef imwieled fil-06/05/1989 u joqghod Le Dome, Mais A 2 Hermosa, Triq il-Kullegg, Mosta, ID 0212989M.

Billi int akkuzat talli fid-9 ta' Awwissu, 2022 ghall-habta ta' 09.30 hrs fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni LQZ 194;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

4. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Stephanie Busuttil skond kif iccertifika Dr. Zachary Micallef M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;
5. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dolores Busuttil skond kif iccertifika Dr. Zachary Micallef M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;
6. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament, ikkagunajt offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Matteo Busuttil Bonnici skond kif iccertifika Dr. Zachary Micallef M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226 (1) (c) Kap 9 Art 15(1)( a) (2) u fil-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat

**PS 825 T Busuttil** xehed permezz ta' affidavit

**It-tabib Zachary Michael Micallef** xehed permezz ta' affidavit dwar Dok A Stephanie Busuttil, Dok B **Matteo Bonnici Busuttil** u Dok C Dolores Busuttil Busuttil.

**Stephanie Busuttil** gharfet l-impuata bhala l-persuna li baqghat diehla fil-vettura taghha fuq wara fil-gurnata tal-incidnet. Sopjegat kif mliet formula tal-front to rear izda aktar tard hasset l-ugieh u inhargu d-dokumenti A B U C.

**Dolores Busuttil** xehdet dwar id-dinamika tal-incident

**Ikkunsidrat**

Fil-kamp kriminali l-provi iridu ikunu fil-livell ta' "beyond a reasonable doubt". Fil-mument tal-incident saret formula ta' bumper to bumper u kien biss aktar tard li saru certifikati medici. Inoltre , Dok B hu certifikat dwar Matteo Bonnici Busuttil u mhux Matteo Busuttil Bonnici. Minhabba dawn ic-cirkostanzi ma intlahaqx l-livell ta' provi rikjest fil-kamp criminal. Isegwi li l-imputat ma hu hati ta l-ebda wahda mill-imputazzjonijet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226 (1)( c) Kap 9 Art 15(1)( a) (2) Kap 65 u fil-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Matthew Mangion hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**